MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Numru. 760/2004

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Kevin Gauci

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli

1. bejn is-26 ta' Gunju, 2004 u 24 ta' Awissu, 2004 fil-Qawra u Bugibba, b'atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjonijiet ta' Ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq minn diversi 'telephone boots' ghad-dannu ta' Shigo Co Ltd, liema serq huwa aggravat bil-mezz, u bil-hin, u dan bi ksur ta' artikoli 18, 263(a), 265 u 270 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli sar recidiv ai termini ta’ Artikoli 49, 50 u 289(1) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261 (b), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 270, 278, 280, 289 u 17 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkopera ferm mieghu matul l-investigazzjoni u jidher illi huwa deciz illi jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk ma tqisx illi piena ta’ prigunerija tkun idonea ghall-akkadut.

Ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 taghmel ordni ta’ probation illi permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ Ufficjal tal-Probation li ghandu jigi mahtur mid-Direttur Responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation ghal perjodu ta’ tlett snin millum.

Il-Qorti qeghda taghti kopja ta’ din l-ordni lil hati u lid-Direttur Responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati bil-konsegwenzi kollha ta’ din is-sentenza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------